V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8622 — Unibail-Rodamco/Commerz Real Investmentgesellschaft/CGI Metropole)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 308/07)

1. Fis-7 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Unibail-Rodamco SE ("Unibail-Rodamco", Franża), li tappartjeni għall-grupp Unibail Rodamco

— Commerz Real Investmentgesellschaft mbH ("Commerz Real Investmentgesellschaft mbH", Il-Ġermanja),

— CGI Metropole, s.r.o. ("CGI Metropole", Ir-Repubblika Ċeka).

Unibail-Rodamco u Commerz Real Investmentgesellschaft jakkwistaw fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' CGI Metropole sħiħa.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Unibail-Rodamco: topera fis-settur tal-proprjetà immobbli kummerċjali bħala investitur, żviluppatur u ġesjtitur tal-assi ta' ċentri kummerċjali fi bliet Ewropej kif ukoll binjiet ta' uffiċini u l-konvenzjoni u ċentri ta' eżibizzjoni fir-reġjun ta' Pariġi,

— għal Commerz Real Investmentgesellschaft: ġestjoni ta' fondi immobiljari miftuħa, b'mod partikolari bil-ġestjoni ta' fondi miftuħa tal-proprjetà immobbli hausInvest,

— għal CGI Metropole: kumpanija b'responsabbiltà limitata organizzata taħt il-liġijiet tar-Repubblika Ċeka li tippossjedi ċ-ċentru kummerċjali Métropole Zličín li jinsab fi Praga fir-Repubblika Ċeka.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8622 — Unibail-Rodamco/Commerz Real Investmentgesellschaft/CGI Metropole

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika:

COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks:

+32 22964301

Indirizz tal-posta:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË